C/2024/7384

4.12.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11791 – HIG CAPITAL / THOMA BRAVO / CERTAIN COMPTIA ASSETS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/7384)

1. Fis-27 ta' Novembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— H.I.G. Advantage Buyout Fund II, L.P. (l-Istati Uniti tal-Amerika), ikkontrollata minn H.I.G. Advantage Advisors II, L.L.C., fond ta' investiment ġestit minn H.I.G. Capital, L.L.C. ("H.I.G. Capital", l-Istati Uniti tal-Amerika),

— Thoma Bravo Discover Fund IV, L.P. (l-Istati Uniti tal-Amerka), ikkontrollata minn Thoma Bravo UGP, L.L.C., fond ta' investiment ġestit minn Thoma Bravo, L.P. ("Thoma Bravo", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Is-sussidjarji u l-assi ta' Computing Technology Industry Association, Inc. ("CompTIA", l-Istati Uniti tal-Amerka) li jiffurmaw iċ-ċertifikazzjonijiet tal-IT tagħha kif ukoll il-kontenut edukattiv u n-negozji tat-taħriġ tagħha (in-"Negozju fil-Mira", l-Istati Uniti tal-Amerka).

H.I.G. Capital u Thoma Bravo se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tan-Negozju fil-Mira.

Il-konċentrazzjoni ssir permezz tax-xiri tal-assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— H.I.G. Capital hija kumpanija globali tal-investiment ta' ekwità privata u assi alternattivi li tispeċjalizza fil-forniment kemm ta' dejn kif ukoll ta' kapital ta' ekwità lil kumpaniji żgħar u ta' daqs medju,

— Thoma Bravo hija kumpanija ta' ekwità privata ffukata fuq is-setturi tas-softwer u tas-servizzi bbażati fuq it-teknoloġija,

— CompTIA hija assoċjazzjoni kummerċjali li tipprovdi informazzjoni dwar firxa wiesgħa ta' suġġetti teknoloġiċi, inkluża ċ-ċibersigurtà; l-edukazzjoni, it-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-forza tax-xogħol globali tat-teknoloġija; it-teknoloġiji ġodda u emerġenti; il-leġiżlazzjoni u l-politiki li jaffettwaw id-*data*, l-iżvilupp u x-xejriet tal-industrija u tal-forza tax-xogħol.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11791 – HIG CAPITAL / THOMA BRAVO / CERTAIN COMPTIA ASSETS

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË